MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 17/2011

**Eden Entertainment Limited**
**(C 26701)**

**vs**

**Joseph Cutajar u Mark Theuma**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi peress illi l-konvenuti kienu talbu ghal servizzi ta' reklamar fuq Bay Radio, lis-socjeta' attrici; Peress illi minkejja li dawn ir-reklami saru kif mitlub il-konvenuti naqsu minn li jhallsu lill-kumpanija attrici l-prezz ghalihom fis-somma ta' tlett elef, erba' mija u tmien Ewro u seba' centezmi (€ 3,408.07); Peress illi minkejja diversi interpellazzjonijiet u promessi l-konvenuti baqghu inadempjenti; Peress illi f'dan il-kaz l-imghaxijiet jiddekorru mid-data tas-servizz, stante illi d-debitu huwa wiehed kummercjali; Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex

ma ghandhomx ikunu ikkundannati minn dan it-Tribunal, sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta’ tlett elef erba’ mija u tmien Ewro u seba’ centezmi (€ 3,408.07). Bl-imghaxijiet mill-31 ta’ Marzu 2010 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ April 2011; u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Mark Theuma, li permezz taghha ecepixxa bil-qima illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi huwa qatt ma kellu ebda relazzjoni kwalsiasi mal-atturi u kwalsiasi negozju maghhom sar mill-konvenut l-iehor Joseph Cutajar u dana anke kif evidenzjat mill-affidavit hawn anness u markat Dok. A; Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejjha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut Joseph Cutajar gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet, senjatament affidavit tal-konvenut Joseph Cutajar (a fol. 13 tal-atti), u nota kongunta tal-partijiet li giet iprrezentata fl-udjenza tas-27 ta’ Novembru 2012 (a fol. 40 tal-atti).

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici datata 8 ta’ Jannar 2013 li permezz taghha hi cediet it-talbiet taghha fil-konfront tal-konvenut Mark Theuma.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta’ affidavit datat 1 ta’ Ottubru 2009, il-konvenut Joseph Cutajar iddikjara illi kwalunkwe pendenza relattiva ghan-negozju li kien iwettaq mal-konvenut l-iehor Mark Theuma, saru ghall-uzu personali

tieghu, u li ghalhekk huwa unikament responsabbli ghall-hlas tal-istess debiti.

Illi permezz ta’ nota kongunta tal-partijiet, li gietipprezentata fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2012, il-partijiet iddikjaraw illi l-konvenut Joseph Cutajar qieghed jammetti t-talbiet attrici, u li qieghed jintrabat illi jwettaq il-hlas tas-somma dovuta lis-socjeta’ attrici permezz ta’ rati mensili ta’ mija u hamsin Ewro (€ 150), pagabbli fl-ahhar ta’ kull xahar. Illi fl-eventwalita’ illi jonqos milli jwettaq zewg rati mensili, anke jekk mhux konsekuttivi, allura l-istess konvenut Joseph Cutajar jitlef il-beneficcju tat-terminu u kwalukwe bilanc jkun dovut *ipso facto*. Illi ghandhom jiddekorru imghaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-prezentata tal-avviz, u cioe’ 22 ta’ Lulju 2011. Illi l-istess konvenut Joseph Cutajar ghandu jhallas l-ispejjez ta’ din il-kawza, inkluzi dawk tal-konvenut l-iehor Mark Theuma, u ghal kull buon fini gie dikjarat illi tali spejjez qed jigu limitati ghall-pendenzi f’dan l-avviz.

Illi fid-dawl ta’ dan il-ftehim, u n-nota ta’ cessjoni tat-talbiet attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut Mark Theuma, it-Tribunal ser jghaddi sabiex, filwaqt illi jillibera lill-konvenut Mark Theuma mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz tat-talba fil-konfront tal-konvenut Joseph Cutajar.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Mark Theuma u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa’ it-talba attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut Joseph Cutajar, u jikkundanna lill-konvenut Joseph Cutajar ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet elef erba’ mija u tmien Ewro u seba’ centezmi (€3,408.07), bl-imghax mit-22 ta’ Lulju 2011.

Bl-ispejjez, inkluz tal-konvenut Mark Theuma, jithallsu mill-konvenut Joseph Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------